# Kodiċi ta’ Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati

*Dan il-kodiċi ta’ etika jidher bħala l-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta’ Malta). Huwa riprodott waħdu hawn għall-konvenjenza ta’ min jixtieq jirreferi għalih. Verżjoni aktar bikrija tal-kodiċi tidher fl-iskeda tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (il-kapitolu 113 tal-liġijiet ta’ Malta).*

1. Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull waqt, sew jekk ġewwa jew barra l-Kamra, iġib ruħu b’mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati.

2. Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu jkun konformi mal-ispirtu u l-ittra tar-regoli tal-Kamra tad-Deputati u mar-regoli tal-kumitati tagħha kif debitament imwaqqfin bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra jew ma’ kull riżoluzzjoni li tiġi approvata mill-Kamra tad-Deputati.

3. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 5 ta’ din l-Iskeda, membru tal-Kamra tad-Deputati ma jista’ jirċievi ebda ħlas jew kumpens ta’ liema xorta jkun għax-xogħol tiegħu bħala membru tal-Kamra tad-Deputati, ħlief ir-rimunerazzjoni uffiċjali tiegħu bħala membru.

4. Filwaqt li membru tal-Kamra tad-Deputati għandu d-dmir li jwassal l-ilmenti tal-kostitwenti tiegħu u li jagħmel rappreżentanzi f’isimhom lill-awtoritajiet tal-Gvern, mhuwiex mistenni li l-membru juża xi influwenza mhux xierqa, theddid jew pressjoni li m’għandhiex issir fit-twettiq ta’ dmirijietu.

5. (1) Kull membru tal-Kamra tad-Deputati għandu ta’ kull sena fiż-żmien stabbilit mill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati jindika f’reġistru li jinżamm għal dan l-għan mill-i*Speaker*, liema reġistru jkun miftuħ għall-ispezzjoni tal-pubbliku u għandu jkun fih:

(a) x’ikunu x-xogħol jew il-professjoni tiegħu, u jekk ikun impjegat, x’jismu min jimpjegah;

(b) il-proprjetà immobbli tiegħu, dik tal-konjuġi jekk ikun hemm il-komunjoni tal-akkwisti, dik tal-ulied tiegħu ta’ taħt l-età kif ukoll, jekk ikun hekk jixtieq, il-mod kif din tkun inkisbet u kif tkun qiegħda tiġi użata;

(ċ) azzjonijiet f’investimenti ta’ kumpaniji kummerċjali inklużi flus depożitati fil-banek u kull xort’oħra ta’ interess finanzjarju;

(d) pożizzjonijiet ta’ direttur u pożizzjonijiet uffiċjali oħra f’kumpaniji kummerċjali, assoċjazzjonijiet, bordijiet, soċjetajiet koperattivi jew kull grupp ieħor ukoll jekk dawn ikunu għaqdiet volontarji.

(2) Membru tal-Kamra tad-Deputati –

(a) li jkollu interess professjonali, inklużi konsulenza dwar interess ta’ xogħol, tmexxija jew kull għamla ta’ konnessjoni, sew finanzjarja jew mod ieħor, ma’ persuni, gruppi jew kumpaniji li għandhom interess dirett f’xi leġiżlazzjoni li l-Kamra jkollha quddiemha, għandu jiddikjara l-interess

tiegħu fil-Kamra, mal-ewwel opportunità, qabel ma jittieħed vot fit-Tieni Qari ta' Abbozz ta' Liġi;

(b) ma għandux jaċċetta rigali mingħand persuni, gruppi jew kumpaniji li kellhom xi interess dirett jew indirett f'leġiżlazzjoni li tkun quddiem il-Kamra tad-Deputati;

(ċ) ma għandu jaċċetta ebda onorarju għal xi diskors, kitba jew pubblikazzjoni, jew attività oħra bħal dawk mingħand xi persuna, organizzazzjoni jew kumpanija b'żieda fuq il-valur li s-soltu u b'konswetudni jingħata għal dawk is-servizzi;

(d) li jkun għamel żjara barra minn Malta, li tkun ġiet imħallsa kollha kemm hi jew f'parti minnha minn xi persuna, grupp jew kumpanija li jkollha interess dirett f'leġiżlazzjoni li tkun quddiem il-Kamra, għandu jiddikjara dak il-fatt f'reġistru miżmum mill-i*Speaker* għal dak l-għan u li jkun miftuħ għall-ispezzjoni tal-pubbliku;

(e) huwa mistenni li jirrapporta lill-i*Speaker* u lill-awtoritajiet kompetenti kull tentattiv ta' korruzzjoni, pressjoni jew influwenza li m'għandhiex issir, minn terzi u li tkun maħsuba biex tinfluwenza l-imġiba tiegħu bħala membru.

6. Fil-waqt ta' xogħol professjonali, okkupazzjonali jew kummerċjali ma għandha ssir ebda referenza għal sħubija bħala membru tal-Kamra tad-Deputati li b'xi mod tista' tagħti lil xi membru vantaġġ mhux xieraq.